MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-10 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 1139/2013

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons.), LL.D.,**
**bhala mandatarju specjali ta' HUGO BOSS Trade**
**Mark Management GmbH & Co. KG,**
**socjeta' estera registrata taht il-ligijiet tal-Germanja u**
**b'indirizz ta' Dieselstrasse 12, 72555 Metzingen, Germanja**

**vs**

**El Mokhtar Taher,**
**detentur tal-passaport Libjan numru 294314,**
**b'indikazzjoni ta' indirizz ta' 'Park Hotel', Sliema**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tat-28 ta' Novembru 2013 li jghid hekk:

1. illi s-socjeta attrici, maghrufa in konnessjoni ma' trademarks dwar in-negozju HUGO BOSS / BOSS, hija proprjetarja ta' diversi trademarks registrati li jkopru prodotti ta' fragrant sprays; perfumery, deodorising preparations for personal use (fost ohrajn);

2. illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju, is-socjeta attrici ghandha reputazzjoni u avvjament enormi, inter alia in konnessjoni mat-trademarks "BOSS", irregistrati dwar prodotti ta' fragrant sprays; perfumery, deodorising preparations for personal use (fost ohrajn);

3. illi noltri, is-socjeta attrici ghandha validament irregistrat bhala trademark, it-Trademark Komunitarju (CTM) bin-numru ta' registrazzjoni 000049221 - "BOSS" [kelma, b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004)], dwar prodotti ta' fragrant sprays; perfumery, deodorising preparations for personal use (fost ohrajn);

4. illi s-socjeta attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) [Kapitolu erbgha mija w erbatax (414) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta], u tgawdi mill-protezzjoni derivanti mill-artikoli erbgha (4), tnejn (2) subartikolu wiehed (1) paragrafu (a), u tmienja (8) subartikolu wiehed (1) tal-istess Kap. 414, b'disposizzjonijiet rilevanti kontenuti f'dawk I-artikoli ta' ligi li japplikaw ghal dan il-kaz (fost ohrajn);

5. illi recentement, waqt il-kors ta' procedura doganali I-Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx ta' importazzjoni ta' oggetti konsistenti fi fliexken ta' eau de toilette Ii ghandhom fuqhom it-trademark "BOSS" gewwa materjal tal-ippakkettjar relattiv Ii ghandu fuqu trademarks "BOOSS" (kaz numru ta' referenza tad-Dwana ta' Malta 55/13/106), liema oggetti waslu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta permezz ta' titjira tal-ajru rif. LN 146 minn Tripli (fil-Libja) gewwa bagalja personali tal-konvenut. Il-Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socjeta attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru I-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali;

6. illi s-socjeta attrici giet mgharrfa bis-sejba in kwestjoni fil-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) ai termini tal-procedura li wasslet ghal din l-azzjoni civili gudizzjarja u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati. Minn naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta attrici nformazzjoni relattiva ghall-kaz inkluza dwar l-identita' tal-konvenut;

7. illi effettivament, l-oggetti Ikoll mertu ta' din il-vertenza, Ii I-Kontrollur tad-Dwana indika bhala b'kollox "SIX (6) bottles by 100ml each perfumes" (oltre ghall-materjal tal-ippakkettjar relattiv), jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjeta attrici stante Ii oggetti falsifikati. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll inter alia u oltre d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fiI-paragrafu numru erbgha (4) ta' dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Artikoli disgha (9) subartikolu wiehed (1.) paragrafi (a) u (b), erbatax (14) u mija u tnejn (102) tal-Council Regulation (EC) No. 207/2009 on the Community trade mark, u tal-artikoli ghaxra (10) u erbatax (14) sa dsatax (19) tal-Att tal-elfejn (2000) Dwar it-Trademarks [Kapitolu erba' mija u sittax (416) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta] u kif ukoll dawk tar-regolament numru disgha (9) tal-avviz legali mitejn u tlieta u tletin (233) tal-elfejn u tlieta (2003) kif emendat;

8. illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefiggja terminu sat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) inkluz, sabiex is-socjeta attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz, u dawn il-procedimenti gudizzjarji civili qed jigu prezentati entro dan l-istess terminu;

9. illi l-esponent jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

10. illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur nomine umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:

(1) tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi fliexken ta' eau de toilette li ghandhom fuqhom it-trademark "BOSS" gewwa materjal tal-ippakkettjar relattiv li ghandu fuqu trademarks "BOOSS" (kaz numru ta' referenza tad-Dwana ta' Malta 55/13/106), liema oggetti waslu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta permezz ta' titjira tal-ajru rif. LN 146 minn Tripli (fil-Libja) gewwa bagalja personali tal-konvenut, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li oggetti falsifikati;

(2) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenut u ghas-spejjez tieghu;

(3) tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenut mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

(4) tordna li l-konvenut ghandu jbati l-ispejjez 'l-ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk li jistghu jokkorru ghall-ghadd tal-oggetti kontravvenjenti, kif ukoll ghall-hazna, ghat-trasport u ghad-distruzzjoni taghhom.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat illi rikors guramentat gie debitament notifikat lil konvenut li naqas li jipprezenta risposta u hekk baqa’ kontumaci;

Rat l-atti u dokumenti kollha esebiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta attrici maghrufa in konnessjoni ma' trademarks dwar in-negozju HUGO BOSS / BOSS, hija proprjetarja ta' diversi trademarks registrati li jkopru prodotti ta' fragrant sprays, perfumery, deodorising preparations for personal use (fost ohrajn), u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta’ din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta’ trademarks fir-Registru tat-Trademarks Komunitarji (CTM) bin-numru 000049221.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda ta’ Joseph Aquilina, Ufficjal tal-Kontrollur tad-Dwana li taht il-kors ta’ procedura doganali l-Kontrollur tad-Dwana ssospenda r-rilaxx ta’ importazzjoni ta’ oggetti kontenenti fi fliexken ta’ eau de toilette liema sejba

tikkonsisti f'six (6) bottles by 100ml each perfumes (oltre ghall-materjal tal-ippakkettjar relattiv bil-marki tas-socjeta attrici (kaz numru ta' referenza tad-Dwana ta' Malta 55/13/106), u li liema oggetti waslu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta permezz ta' titjira tal-ajru rif. LN 146 minn Tripli, Libja gewwa bagalja personali tal-konvenut. L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta intellettwali.

Illi l-istess oggetti li nstabu gewwa l-bagalja personali tal-konvenut inzammu mill-Ufficjali tad-Dwana fuq suspett li kienu foloz, u gie notifikat b'dan ir-rapprezentant legali f'Malta tas-socjeta Dr. Luigi A. Sansone. Fil-fatt minn ezamijiet li saru gie kkonfermat li tali oggetti kienu fil-fatt kontrafatti u dan jirrizulta mir-rapport datat 27 ta' Frar 2014 (Dok. MC2 fol. 71) maghmul minn Nastassia Saint-Severin u Gregor Versondert, rapprezentanti tas-socjeta attrici.

Illi minn dan kollu jidher li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u dan permezz tax-xhieda u dokumenti kollha esebiti u fil-fatt lanqas biss hemm ebda kontestazzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha bil-mod hawn indikat u tali oggetti ghandhom jigu distrutti.

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz b'dan illi:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi fliexken ta' eau de toilette li ghandhom fuqhom it-trademark "BOSS" gewwa materjal tal-ippakkettjar relattiv li ghandu fuqu trademarks "BOOSS" (kaz numru ta' referenza tad-Dwana ta' Malta 55/13/106), liema oggetti waslu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta permezz ta' titjira tal-ajru rif. LN 146 minn Tripli (fil-Libja) gewwa bagalja personali tal-konvenut, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li oggetti falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta’ din il-kawza, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil konvenut u a spejjez tieghu;

3. Tordna lil konvenut ghandu jhallas l-ispejjez kollha.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------